IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.2.2012
COM(2012) 49 final

2008/0255 (COD)

Proposta emendata għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal preskrizzjoni medika**

Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kummissjoni tippreżenta proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika. Inkorporati f'din il-proposta emendata hemm emendi proposti mill-Parliament Ewropew fl-ewwel qari li huma aċċettabbli għall-Kummissjoni. Għal finijiet ta' ċarezza legali u sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, dan it-test jissostitwixxi l-COM(2011) 633 final li tneħħa b'konsegwenza ta' dan.

### 1. IL-KUNTEST

Fl-10 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar il-prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika. Din il-proposta ġiet mgħoddija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2008.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-Opinjoni tiegħu fl-10 ta' Ġunju 2009 u l-Kumitat tar-Reġjuni fis-7 ta' Ottubru 2009.

Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010.

### 2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għanijiet politiċi ġenerali tal-proposti għall-emenda tad-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament Nru 726/2004 jikkonformaw mal-għanijiet globali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-farmaċetwika. Dawn għandhom l-għan li jiżguraw il-funzjoni proprja tas-suq intern għall-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u biex jipproteġu aħjar is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE. B'segwitu ta' dan, il-proposta timmira b'mod speċifiku biex:

- Tipprovdi qafas ċar għal dispożizzjoni dwar informazzjoni mid-detenturi mill-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq dwar il-mediċini suġġetti għar-riċetta medika, lill-pubbliku ġenerali bil-ħsieb li jittejjeb l-użu razzjonali ta' dawn il-mediċini, filwaqt li jiġi żgurat li l-qafas leġiżlattiv ikompli jipprojbixxi r-riklamar dirett lill-konsumatur tal-mediċini suġġetti għar-riċetta medika.

Dan se jinkiseb billi:

- Tkun żgurata kwalità għolja ta' informazzjoni ġejja minn applikazzjoni koerenti ta' standards ddefiniti b'mod ċar madwar l-UE.
- L-informazzjoni titħalla li tiġi pprovduta b'mezzi li jindirizzaw l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' tipi differenti ta' pazjenti.
- Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jitħallew jipprovdu b'mod li tinftiehem informazzjoni oġġettiva u mhux promozzjonali dwar il-benefiċċji u r-riskji tal-mediċini tagħhom.

- Ikun żgurat li l-miżuri ta' sorveljanza u infurzar huma fis-seħħ biex jiżguraw li dawk li jipprovdu l-informazzjoni jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità filwaqt li tiġi evitata l-burokrazija bla bżonn.

Din il-proposta emendata hija konformi ma' dawk l-għanijiet biex tinkludi miżuri li jiffissaw standards għoljin għas-sikurezza ta' prodotti mediċinali. Għalhekk, fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, qed jiżdied l-artikolu 168(4) tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala bażi legali għall-proposta emendata.

Fl-aħħarnett, din il-proposta emendata ssaħħaħ iktar id-drittijiet tal-pazjenti. B'mod partikolari, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni tas-suq se jkollhom l-obbligu, u mhux aktar il-possibilità, li jagħmlu disponibbli ċerta informazzjoni, bħat-tikkettjar u l-fuljett tal-pakkett.

## 3. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI ADOTTATI MILL-PARLAMENT EWROPEW:

Fl-24 ta' Novembru 2010, il-Parlament Ewropew adotta 12-il emenda dwar il-proposta għal Regolament dwar informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar il-prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni medika. Il-Kummissjoni tqis li l-maġġoranza tal-emendi tal-Parlament Ewropew huma aċċettabbli kif inhuma, fil-prinċipju jew parzjalment, peress li jżommu l-miri u l-iskema kumplessiva tal-proposta.

Il-Kummissjoni għalhekk taċċetta kompletament jew parzjalment, dawn l-emendi tal-Parlament Ewropew li ġejjin:

Il-Premessa 1 hija mmodifikata skont l-Emenda 1, li tissottolinja li fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni trażmessa fl-20 ta' Diċembru 2007 dwar ir-"Rapport dwar il-prattiki kurrenti fir-rigward tal-provvista ta' informazzjoni lill-pazjenti dwar il-prodotti mediċinali", il-ħtieġa għal distinzjoni iktar preċiża bejn ir-riklamar u l-informazzjoni ġiet enfasizzata.

L-Emenda 2 tispeċifika fil-premessa 2 li t-Titolu l-ġdid introdott fid-Direttiva 2001/83/KE huwa intenzjonat li jqiegħed enfasi fuq id-drittijiet u l-interessi tal-pazjenti.

F'konformità mal-Emenda 6, ġie speċifikat fl-Artikolu 20b, paragrafu 1, li għalkemm il-kontroll minn qabel tal-informazzjoni jitwettaq mill-Aġenzja għal prodotti mediċinali approvati ċentralment, il-monitoraġġ tal-informazzjoni se jibqa' jitwettaq mill-Istati Membri. Huwa xieraq li jiġi żgurat b'mod konsistenti li l-Aġenzija hija responsabbli wkoll għall-kontroll tal-informazzjoni li ssir disponibbli permezz tal-websajts tal-Internet irreġistrati fl-Istati Membri. Dispożizzjonijiet speċifiċi huma introdotti biex jikkjarifikaw l-operazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu ta' kontroll kemm-il darba l-informazzjoni tkun saret disponibbli permezz tal-websajts tal-Internet irreġistrati mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li għadd ta' Stati Membri esprimew tħassib marbut mal-konformità mal-kostituzzjonijiet nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni hija lesta tidħol f'djalogu ma' dawk ikkonċernati biex issib soluzzjonijiet adattati filwaqt li tirrispetta l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

B'segwitu tal-Emenda 7, il-kelma "tixrid" ġiet mibdula b'"saret disponibbli" fi ħdan l-Artikolu 20b, paragrafu 2.

L-Emenda 9 tipprevedi l-proċedura rigward il-każijiet meta l-Aġenzija titlob għal tibdil fl-informazzjoni mressqa għall-kontroll u għall-ħlasijiet applikabbli li għandhom ikunu f'proporzjoni max-xogħol addizzjonali. Meta jitqies li d-dewmien normali huwa ta' 60 jum, id-dewmien sussegwenti għandu jkun ta' 30 jum.

L-Emenda 10 timmodifika l-Artikolu 57, paragrafu 1, dwar il-bażi tad-dejta tal-EudraPharm u tipprevedi li għandha tkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE. Bidla bħal din ġiet introdotta fir-rigward tat-tqassim tal-bażi tad-dejta; min-naħa l-oħra, l-informazzjoni fil-bażi tad-dejta għandha tkun disponibbli fil-lingwi tal-Istati Membri fejn il-prodott mediċinali huwa awtorizzat. Minn lat ieħor, mhuwiex neċessarju li jiġi speċifikat iktar li l-informazzjoni pprovduta hija mfassla għal dawk li mhumiex esperti, billi huwa diġà previst li għandha tkun miktuba b'mod adegwat u li jinftiehem skont l-Artikolu 57.

L-Emenda 12 tipprevedi li l-EudraPharm għandha tiġi promossa attivament liċ-ċittadini Ewropej. Dan għandu jsir permezz tal-iżvilupp tal-portal Ewropew fuq l-internet dwar il-mediċini stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 bħala l-punt ċentrali ta' aċċess għal informazzjoni fir-rigward ta' prodotti mediċinali. Min-naħa l-oħra, mhuwiex xieraq li informazzjoni disponibbli fuq il-websajts tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq tiġi riprodotta fuq l-EudraPharm, li hija bażi ta' dejta pubblika.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta emendata m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. KONKLUŻJONI

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 293 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni qed timmodifika l-proposta kif ġej:

2008/0255 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal preskrizzjoni medika**

Test b'rilevanza għaż-ŻEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ **dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, u b'mod partikolari l-Artikolu~~95~~ **114 u l-punt (c) tal-Artikolu 168(4) tiegħu**,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni **Ewropea**[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2] ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura **leġiżlattiva ordinarja** ~~stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat~~[4],

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2007 il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar "Rapport dwar il-prattiki kurrenti fir-rigward tal-provvista ta' informazzjoni lill-pazjenti dwar il-prodotti mediċinali"[5]. Ir-rapport jikkonkludi li Stati Membri adottaw regoli u prattiki diverġenti fir-rigward tal-għoti tal-informazzjoni, u b'hekk wasslu f'sitwazzjoni fejn il-pazjenti u l-pubbliku ġenerali għandhom aċċess ugwali għall-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali. L-esperjenza li nkisbet mill-applikazzjoni tal-qafas legali attwali wriet ukoll id-differenzi fl-interpretazzjoni tar-regoli tal-~~Komunità~~**Unjoni** dwar ir-riklamar, u bejn id-dispożizzjonjiet nazzjonali dwar l-informazzjoni, **u enfasizzat il-ħtieġa urġenti li tiġi ppreċiżata d-distinzjoni bejn ir-riklamar u l-informazzjoni**.

(2) L-introduzzjoni ta' Titolu VIIIa ġdid fid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .
[3] ĠU C , , p. .
[4] ~~ĠU C , , p. .~~
[5] COM (2007) 862.

ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem[6] tindirizza dak it-tħassib ġej minn dispożizzjonijiet varji maħsuba biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità tajba, oġġettiva, affidabbli u mhux promozzjonali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għal riċetta **u biex titqiegħed enfasi fuq id-drittijiet u l-interessi tal-pazjenti**.

(3) Id-disparitajiet fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem mhumiex ġustifikati fil-każ tal-prodotti mediċinali awtorizzati skont it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini[7] li għalihom ġiet approvata sinteżi waħda tal-karatteristiċi tal-prodotti u tal-fuljett tal-pakkett għall-~~Komunità~~ **Unjoni** kollha. Għalhekk it-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE għandu japplika wkoll għal dawk il-prodotti.

(4) Id-Direttiva 2001/83/KE tistipola, **b'xi eċċezzjonijiet**, li ~~ċerti tipi ta'~~ l-informazzjoni ~~huma~~ **hija** suġġetta għall-kontroll mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri qabel ~~ma jitqassmu~~ **ssir disponibbli**. ~~Dan jikkonċerna informazzjoni dwar studji xjentifiċi mhux intervenzjonali, jew miżuri ta' akkumpanjament għal prevenzjoni u t-trattament mediku, jew informazzjoni li tippreżenta l-prodott mediċinali fil-kuntest ta' kundizzjoni li trid tiġi pprevenuta jew trattata~~. Fil-każ ta' prodotti mediċinali għall-użu mll-bniedem awtorizzat skont it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, għandha ssir dispożizzjoni ~~wkoll~~ biex ~~ċerti tipi ta'~~ **din** l-informazzjoni tiġi soġġetta għal stħarriġ minn qabel mill-Aġenzija tal-Mediċini Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Aġenzija'), **u biex tikkjarifika l-operazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll fil-każ li l-informazzjoni ssir disponibbli permezz tal-websajts tal-Internet irreġistrati mal-Istati Membri skont id-Direttiva 2001/83/KE.**

(5) Biex jiġi żgurat il-finanzjament adegwat ta' dawn l-attivitajiet marbut mal-informazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni għall-ġbir tal-ħlasijiet imposti fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq min-naħa tal-Aġenzija.

**(6) Diġà qed tiġi pprovduta -informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali fil-livell tal-Unjoni minn diversi bażijiet tad-dejta u portali mmaniġġjati mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni dwar fost l-oħrajn prodotti mediċinali u provi kliniċi, bħall-portal Orphanet għall-mard rari u l-mediċini orfni[8]. Huwa xieraq li jingħaqdu dawn is-sorsi differenti ta' informazzjoni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-pubbliku. Il-portal Ewropew fuq l-internet dwar il-mediċini maħluq bir-Regolament (KE) Nru 726/2004, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1235/2010[9] għandu jkunu il-punt uniku ta' referenza ta' aċċess għal dik l-informazzjoni.**

**(7) Billi l-istħarriġ minn qabel tal-informazzjoni mill-Aġenzija se jiġi ffinanzjat mill-ħlasijiet tal-applikanti li għandhom jiġu aġġustati, huwa xieraq li tiġi prevista**

[6] ĠU L 311, 28.11.2001, p. 87.
[7] ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.
[8] COM(2008) 679 finali
[9] ĠU L 348, 31.12.2010, p.1.

**applikazzjoni ddiferita tad-dispożizzjonijiet dwar l-istħarriġ minn qabel tal-informazzjoni mill-Aġenzija.**

(8) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, huwa li jiġu previsti regoli speċifiċi dwar l-informazzjoni fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti għar-riċetta awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ tal-**Unjoni**, ~~il-Komunità~~ l-**Unjoni** tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(9) **Għalhekk**, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandu jkun emendat kif meħtieġ,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 huwa emendat kif ġej:

**(1)** Jiddaħħlu l-Artikoli 20a**,** ~~u~~ 20b **u 20c** li ġejjin:

"Artikolu 20a

1. It-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE għandu japplika għal prodotti mediċinali li huma awtorizzati skont dan it-Titolu u huma suġġetti għal riċetta medika.

Artikolu 20b

1. B'deroga tal-Artikolu 100g(1) tad-Direttiva 2001/83/KE l-informazzjoni ~~dwar il-prodott mediċinali~~ msemmija fl-Artikolu 100b(d) ta' dik id-Direttiva **dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li ġew awtorizzati skont dan ir-Regolament** għandha tkun suġġetta għal stħarriġ mill-Aġenzija qabel ma **ssir disponibbli** ~~ma tinxtered~~.

**Dan se jkun bla ħsara għall-Artikolu 100j tad-Direttiva 2001/83/KE dwar il-monitoraġġ mill-Istati Membri tal-informazzjoni li tkun saret disponibbli.**

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jippreżenta lill-Aġenzija abbozz tal-arranġament tat-test tal-informazzjoni li għandha tixxerred ssir **disponibbli.**

3. L-Aġenzija għandha mnejn toġġezzjona għall-informazzjoni mressqa jew partijiet minnha fuq raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE fi żmien 60 jum wara li tasal in-notifika. Jekk l-Aġenzija ma toġġezzjonax fi żmien 60 jum, l-informazzjoni sejra titqies bħala aċċettata u tista' tiġi ppubblikata.

**4. Jekk fil-każ li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jissottometti mill-ġdid lill-Aġenzija mudell tal-informazzjoni biex isir disponibbli wara l-oġġezzjonijiet**

**mill-Aġenzija fl-applikazzjoni tal-paragrafu 3, l-Aġenzija ma toġġezzjonax fi żmien 30 jum, l-informazzjoni rreveduta għandha titqies bħala aċċettata u tista' tiġi ppubblikata**.

**5. Jekk ikun xieraq, l-Aġenzija tista' tikkollabora mal-Istati Membri meta tkun qed twettaq il-ħidmiet stabbiliti f'dan l-Artikolu**.

**6.** Is-sottomissjoni tal-informazzjoni lill-Aġenzija skont il-paragrafi 1 **sa 4**, ~~2 u 3~~ għandha tkun suġġetta għal ħlas li jrid jitħallas fi qbil mar-Regolament (KE) Nru 297/95."

**Artikolu 20c**

**1. B'deroga mill-Artikolu 100h(3) tad-Direttiva 2001/83/KE, l-Aġenzija se tkun responsabbli għall-stħarriġ minn qabel skont l-Artikolu 20b ta' dan ir-Regolament għall-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali awtorizzata skont dan ir-Regolament li tinsab fil-websajts tal-Internat irreġistrati mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 100h tad-Direttiva 2001/83/KE.**

**2. Meta detentur ta' awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ikun beħsiebu jinkludi informazzjoni dwar prodott mediċinali awtorizzat skont dan ir-Regolament fuq websajt tal-Internet irreġistrat skont l-Artikolu 100h tad-Direttiva 2001/83/KE, hu għandu jissottometti l-informazzjoni lill-Aġenzija għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20b ta' dan ir-Regolament qabel ma din isir disponibbli, u jinforma lill-Aġenzija tal-Istat Membru fejn ikun maħsub li se jkun rreġistrat il-websajt tal-Internet jew fejn hu diġà rreġistrat. L-Aġenzija għandha tinforma l-Istat Membru ikkonċernat dwar ir-riżultat tal-proċedura tal-Artikolu 20b.**

**3. B'deroga minn punt (c) tal-Artikolu 100h(4) tad-Direttiva 2001/83/KE, jekk Stat Membru ikollu raġunijiet biex jiddubita jekk l-informazzjoni approvata skont l-Artikolu 20b ta' dan ir-Regolament li tkun disponibbli fuq websajt tal-Internet rreġistrata tikkonformax mar-rekwiżiti tat-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE, għandu jinforma lill-Aġenzija dwar ir-raġunijiet għad-dubji tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat u l-Aġenzija għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jilħqu ftehim dwar l-azzjoni li trid tittieħed. Jekk ma jilħqux ftehim fi żmien xahrejn, il-każ għandu jgħaddi għand il-Kumitat Farmaċewtiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 75/320/KEE (*). Kwalunkwe miżura meħtieġa tista' tiġi adottata biss wara li tkun ingħatat opinjoni minn dan il-Kumitat. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jikkunsidraw l-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat Farmaċewtiku u għandhom jgħarrfu lill-Kumitat dwar kif l-opinjoni tiegħu tkun ġiet ikkunsidrata.**

**(*) ĠU L 147,9.6.1975, p.23"**

, **(2) Fl-Artikolu 26, għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:**

**"3. Il-portal Ewropew fuq l-internet dwar il-mediċini għandu jkollu mill-inqas rabtiet ma' li ġej:**

**(a) il-bażi tad-dejta dwar prodotti mediċinali msemmija fil-punt (l) tal-Artikolu 57(1) ta' dan ir-Regolament;**

**(b) il-bażi tad-dejta tal-Eudraviġilanza msemmija fl-Artikolu 24(1) u l-punt (d) tal-Artikolu 57(1) ta' dan ir-Regolament;**

**(c) il-bażi tad-dejta msemmija fl-Artikolu 111(6) tad-Direttiva 2001/83/KE,**

**(d) il-portal Orphanet għall-mard rari u għall-mediċini orfni,**

**(e) il-Portal tas-Saħħa msemmi fid-Deċiżjoni 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*).**

**(*) ĠU L 301, 20.11.2007 p.3."**

**(3) Fl-Artikolu 57(1), il-punt (l) jinbidel b'dan li ġej:**

"(l) tinħoloq "bażi ta' dejta" dwar prodotti mediċinali, li għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, **u li tippermetti li jsir tiftix bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni**, u jkun żgurat li tkun aġġornata, u amministrata indipendentement **mill-interessi kummerċjali** tal-kumpaniji farmaċewtiċi; il-bażi ta' dejta għandha tiffaċilita t-tfittxija għall-informazzjoni diġà awtorizzata għall-fuljetti tal-pakketti; għandha tinkludi taqsima dwar prodotti mediċinali awtorizzati għall-kura tat-tfal; l-informazzjoni pprovduta għall-pubbliku għandha tkun fi kliem xieraq u li jista' jinftiehem;

(4) Fl-Artikolu 57(1) jiżdied il-punt (u) li ġej:

"(u) ~~jingħataw l-opinjonijiet dwar~~ **ir-reviżjoni** tal-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għal riċetta medika."

**(5) Fl-Artikolu 57(2), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:**

"2. Il-bażi tad-dejta prevista fil-paragrafu 1(l) għandha tinkludi s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, il-fuljett imqiegħed fil-pakkett għall-pazjent jew għal min juża l-prodott u l-informazzjoni murija fuq it-tikketta. Il-bazi tad-dejta għandha tkun żviluppata fi stadji, waqt li tingħata prijorità lill-prodotti mediċinali awtorizzati skont dan ir-Regolament u dawk awtorizzati skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE u d-Direttiva 2001/82/KE rispettivament. Il-bażi tad-dejta għandha sussegwentement tkun estiża biex tinkludi kull prodott mediċinali mqiegħed fis-suq fl-~~UE~~**Unjoni**. **Dik il-bażi tad-dejta għandha tkun promossa attivament liċ-ċittadini tal-UE."**

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak in-nhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Għandu japplika mill-[ĠU. daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ] bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1(4) u (8) li għandhom japplikaw mill-[ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni + erba' (4) snin].**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Parlament Ewropew,*
*Il-President*

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*

## ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

### 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva:

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-għan(ijiet)

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu(i) tal-ġestjoni previst(i)

### 2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

### 3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. L-istima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Is-sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti*

*3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

## ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

### 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għal riċetta medika.

Il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 726/2004/KE, fir-rigward tal-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għal riċetta medika.

Din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva tkopri ż-żewġ proposti legali msemmija hawn fuq.

### 1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[10]

Is-Saħħa Pubblika

### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

x Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[11]

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni li terġa' tiġi indirizzata għal azzjoni ġdida**

### 1.4. L-objettivi

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat/i mill-proposta/inizjattiva*

Fi ħdan l-intestatura 1A, il-Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impieg, il-proposta timmira li tippromwovi s-saħħa pubblika madwar l-UE billi tipprevedi regoli armonizzati fuq l-informazzjoni dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika

Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-suq intern għas-settur farmaċewtiku.

[10] ABM: (Activity-Based Management) Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività–ABB: (Activity-Based Budgeting) Baġit Ibbażat fuq l-Attività.

[11] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

| |
|---|
| Għan speċifiku Nru.. |
| Il-kontroll minn qabel tal-informazzjoni għal prodotti mediċinali awtorizzati. |
| L-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati |
| Is-Saħħa Pubblika |

*1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/popolazzjoni fil-mira.*

L-għan ta' livell għoli tal-proposta huwa li tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa pubblika taċ-ċittadini tal-UE u biex tiżgura t-tħaddim tas-suq intern għall-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem. B'segwitu ta' dan, il-proposta timmira b'mod speċifiku biex:

Tipprovdi qafas ċar għal dispożizzjoni dwar informazzjoni mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq dwar il-mediċini li jingħataw bir-riċetta biss lill-pubbliku ġenerali bil-ħsieb li jittejjeb l-użu razzjonali ta' dawn il-mediċini, filwaqt li jiġi żgurat li l-qafas leġiżlattiv ikompli jipprojbixxi r-riklamar dirett lill-konsumatur tal-mediċini li jingħataw bir-riċetta biss.

Din il-mira se tinkiseb billi:

- Tkun żgurata kwalità għolja ta' informazzjoni ġejja minn applikazzjoni koerenti ta' standards ddefiniti b'mod ċar madwar il-Komunità.

- l-informazzjoni titħalla tiġi pprovduta bis-saħħa ta' mezzi li jindirizzaw ħtiġijiet u kapaċitajiet ta' tipi differenti ta' pazjenti.

- Ma tiġix limitata b'mod mhux xieraq l-abilità tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq li jipprovdu b'mod li tinftiehem informazzjoni oġġettiva u mhux promozzjonali dwar il-benefiċċji u r-riskji tal-mediċini tagħhom.

- Ikun żgurat li huma fis-seħħ miżuri ta' sorveljanza u infurzar biex jiżguraw li dawk li jipprovdu l-informazzjoni jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità filwaqt li tiġi evitata l-burokrazija bla bżonn.

*1.4.4. Indikaturi ta' riżultati u impatti*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Il-Kummissjoni stabbiliet mekkaniżmi sabiex taħdem mal-Istati Membri biex tissorvelja t-traspożizzjoni; fis-settur farmaċewtiku, il-Kumitat Farmaċewtiku tal-Kummissjoni huwa forum ewlieni għall-iskambju ta' informazzjoni f'dan ir-rigward.

L-EMA għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni, għalkemm mhi se tinħtieġ l-ebda valutazzjoni xjentifika ta' informazzjoni.

Għal dik li hija evalwazzjoni *ex-post* tal-għanijiet operattivi, dawn jistgħu jiġu evalwati permezz ta':

- Il-limitu tal-konformità mar-regoli,

- L-informazzjoni pprovduta mill-industrija,

- L-indikaturi tal-użu ta' din l-informazzjoni,

- L-għarfien tal-pazjent ta' din l-informazzjoni,

- Il-kejl tal-effett tal-informazzjoni fuq l-aġir tal-pazjent u fuq l-effetti aħħarija tas-saħħa.

### 1.5. Bażi(jiet) għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew twila ta' żmien*

L-Artikoli 114 u 168 (4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-pazjenti saru utenti tal-kura tas-saħħa b'aktar setgħa u proattivi, li aktar qed ifittxu informazzjoni dwar il-mard tagħhom u l-għażliet ta' kura għalihom. Filwaqt li d-Direttiva 2001/83/KE tipprevedi qafas armonizzat dwar ir-reklamar ta' mediċini fil-livell tal-UE, li l-applikazzjoni tagħha tibqa' responsabbiltà tal-Istati Membri, la d-Direttiva 2001/83/KE u lanqas ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 ma jinkludu dispożizzjonijiet fid-dettall dwar informazzjoni dwar prodotti mediċinali. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni Komunitarja ma żżommx l-Istati Membri milli jistabbilixxu l-approċċi tagħhom stess.

L-interpretazzjonijiet diverġenti tar-regoli tal-UE u r-regoli u l-prattiki nazzjonali differenti dwar l-informazzjoni qed joħolqu ostakoli għall-aċċess tal-pazjenti għal informazzjoni ta' kwalità għolja u għat-tħaddim tas-suq intern.

*1.5.2. Il-valur miżjud tal-intervent tal-UE*

Meta titqies il-leġiżlazzjoni tal-UE armonizzata eżistenti dwar l-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza tal-prodotti mediċinali, jeħtieġ li jittieħed approċċ komuni dwar id-dispożizzjoni tal-informazzjoni. Dispożizzjonijiet armonizzati għandhom jippermettu liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha jkollhom aċċess għall-istess tip ta' informazzjoni. Jekk din il-kwistjoni tibqa' titħalla għar-regoli nazzjonali, din inevitabbilment se twassal għall-adozzjoni ta' regoli nazzjonali li jmorru kontra l-ispirtu tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika eżistenti.

Barra minn hekk, ir-regoli u l-prattiki nazzjonali jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet għaċ-ċaqliq ħieles ta' oġġetti fi ksur tal-Artikolu 34 tat-Trattat, u jirriżultaw f'impatt negattiv fuq it-tkomplija tas-suq uniku tal-farmaċewtiċi li qed jipprova jikseb il-qafas legali armonizzat għall-prodotti mediċinali.

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Mhux applikabbli

*1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Mhux applikabbli

### 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ L-impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

X Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien bla limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' żmien għall-introduzzjoni mill-2016 sal-2021,

– segwita bi skala sħiħa tal-operat.

### 1.7. Il-mod(i) ta' mmaniġġjar ipprospettat(i)[12]

☐ **Immanaġjar ċentralizzat dirett** mill-Kummissjoni

X **Immaniġjar ċentralizzat dirett** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– X korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[13] l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

– ☐ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni inkarigati mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(li għandhom jiġu speċifikati)***

*Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

| Kummenti |
|---|
